C/2025/2294

15.4.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11950 — SALLING GROUP/RIMI BALTIC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2294)

1. Fl-4 ta' April 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Salling Group A/S ("Salling Group", id-Danimarka), ikkontrollat minn Købmand Herman Sallings Fond u Købmand Ferdinand Sallings Mindefond (id-Danimarka), u

— Rimi Baltic AB (iktar 'il quddiem "Rimi Baltic", l-Isvezja), ikkontrollata minn ICA Gruppen AB (l-Isvezja).

Salling Group se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Rimi Baltic.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Salling Group huwa grupp Daniż tal-bejgħ bl-imnut li jopera supermarkets, department stores, ħwienet bi skont u hypermarkets fid-Danimarka taħt il-kunċetti tal-katina Netto, Føtex u Bilka. Salling Group topera wkoll ħwienet tal-merċa fil-Ġermanja u fil-Polonja.

— Rimi Baltic hija bejjiegħ bl-imnut ta' kuljum ta' prodotti għall-konsumatur li jopera erba' ktajjen ta' ħwienet tal-imnut fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja: Rimi Hyper, Rimi Super, Rimi Mini u Rimi Express. Bħala parti mill-attivitajiet tagħha ta' bejgħ bl-imnut, Rimi Baltic għandha portafoll ta' proprjetà immobbli li jikkonsisti fi proprjetajiet fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11950 — SALLING GROUP / RIMI BALTIC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË